## Nassessja: il-Komponiment (Dan l-artiklu kien ippubblikat għall-ewwel darba fir-*Resources* f'Ottubru 2008)

**minn Leonard Grech**



**Il-komponiment ta' hawn jismu Darba waħda kien hemm tajra… . Ejjew naqrawh, imbagħad nassessjawh. Naraw xi punti sbieħ tiegħu u xi punti li nistgħu nirranġawlu. Nimmaġinaw li dan il-komponiment kitbitu tifla jisimha Roberta.**

Darba waħda kien hemm tajra ta kull
lewn li din ħarbet minn idejn tifel ċkejken.

Dak in-nhar konna Ta' Qali u f'daqqa u l-
ħin l'maħta lil din it-tajra tiġġerra fl-ajru.
Tista timmaġina kemm dan it-tifel beka' kważi
għamel vaska bid-dmugħ. Missieru li kien miegħola
trakk mar isegwiha. Din it-tajra mxiet
kilometri l-bogħod. Missier it-tifel prova
jilħaqa pero kien kollhu ta xejn. Sien
ġieni ħsieb għadt lill-missieri biex immorru
nsegwuwha bil-karozza u fejn tieqaf ingibuha.
Dik l-ideja kienet brillanti u qablu miegħi.
Morna nsegwuwha u pħti qlat għonqa tħares
lejn is-sema. Ma nafx kemm il-post u
raħal għaddejna u l-aqwal-petrol jintħela.
Bejni u bejn ruħi għdt meta se tinżel din
fl-arthar tad-dinja jew. Bqajna Bbqajna
insegwuwha biex intuwielhu lura lil dak
it-tifel. Ma tantx domna niemxu warajha
dik it-tajra għax fl-aħħar niezlet fil-
baħar ta wied iż-Żurrieq. Xi l-erbgħa
u nofs daqqu morna lura Ta Qali u
spjegajnielu kollhox mill A sa Ż lill-dak
it-tifel.

X'ħin konna sa nitielqu lura lejn darna,
iddeċidejt li t-tajra tiegħi natigħha lil
dak it-tifel u hekk għamilt. Tajtx kemm
feraħ meta tajtielhu beda jbus l-art
bil-ferħ. F'dak il-jum ħassejtni li
għamilt xi ħaġa tajba f'sena!

Se nassessjaw il-komponiment fuq disa' kriterji.

1. Is-Suġġett: It-titlu kien **Darba waħda kien hemm tajra… .** Roberta ħolqot storja mibnija fuq tajra li ħarbet minn id tifel ċkejken. Tajjeb. Kompliet tirrakkonta x'ġara mit-tajra, minn għajnejn xi ħadd li kien preżenti jara kollox. Jogħġbok kif żviluppa l-komponiment?




2. L-Introduzzjoni: Roberta għamlet introduzzjoni qasira u sempliċi. Forsi kienet tkun aktar interessanti kieku tat isem lit-tifel ċkejken! X'taħseb?

3. Paragrafi: Il-komponiment huwa mqassam f'paragrafi differenti. Inti taqbel mat-tqassim tiegħu? Taqbel li kien ikun aħjar kieku f'linja tlettax Roberta għamlet paragrafu ġdid? F'dik il-linja tgħid li telqu minn Ta' Qali u fl-aħħar tal-paragrafu tgħid li reġgħu lura.

4. Ortografija/Grammatika: Hemm ħafna kliem miktub b'mod tajjeb (timmaġina, isegwiha, missier, inġibuha, petrol). Hemm kliem bl-**għ** li huwa miktub tajjeb (għamilt, erbgħa, tiegħi, għaddejna, bogħod). Imma hemm kliem miktub b'mod żbaljat. Wieħed irid isibu, jifhem ir-raġuni għala miktub ħażin u mbagħad jitgħallem jiktbu tajjeb. Dawn li ġejjin huma ftit eżempji. Hawn qed jidhru kif għandhom jinkitbu.

   ta' tinkiteb dejjem b'apostrofu ħlief meta tkun verb. (l-ewwel linja: ta' kull lewn).



   tista' (linja 5) tinkiteb b'apostrofu. Verb semitiku.
   Huwa seta', huwa ma setax.
   Għandek il-ħoss ta' **ax** fin-negattiv.
   Allura hemm l-**għ** li fil-każ ta' *tista'* tinbidel f'apostrofu.
   Aħna nistgħu.

   'l bogħod (linja 8). M'hemmx sing bejn l-*l* u *bogħod.*
   Dak mhux artiklu.

   jilħaqha (linja 9). Qed nirreferu għat-tajra li hija femminil.
   jilħaq lilha = jilħaqha, jaħsel lilha = jaħsilha.

lil dak it-tifel (linji 23-24). *lil* hija partiċella. Meta nżidu l-artiklu magħha tinkiteb *lill-* .  Il-kelma *dak* ma tiħux artiklu. Ngħidu *ta' dak* u mhux *tal-dak*. Mela *lil dak* u mhux *lill-dak.* Hemm żbalji oħra li tista' tirranġa. Ngħidu aħna: pero (linja 9), ideja (linja 12), insegwuwha (linja 11), għonqa (linja 11), niemxu (linja 19).

5 Oriġinalità u immaġinazzjoni: X'hemm oriġinali f'dan il-komponiment? Hija oriġinali li marru jsegwu t-tajra bil-karozza? X'hemm oriġinali fl-aħħar paragrafu?

6 Malti idjomatiku: fid-daqqa u l-ħin (linji 3-4), mgħola trakk (linji 6-7), qalgħet għonqha (linja 13). Ara ssibx xi idjoma oħra, jew forsi ddaħħal waħda fejn hi addattata.

7 Aġġettivi: tifel *ċkejken* (linja 2), idea *brillanti* (linja 12). Sib xi aġġettiv ieħor li ntuża fil-komponiment, jew daħħal xi aġġettiv inti stess.

8 Konklużjoni: Il-konklużjoni hija addattata. Inti x'taħseb? Forsi kont tagħmilha mod ieħor? Kif?



9 Kalligrafija: il-kitba hija ċara u għalhekk tinqara sew. Prosit Roberta.

Hemm xi ħaġa oħra li tixtieq tikkummenta fuqha?
Xi tgħid, ngħidu aħna,
fuq il-punteġġjatura?



Issa aqbad xi komponiment minn tiegħek u assessjah bħal ma għamilna hawn. Tinduna li dan jgħinek biex tibda tikteb b'mod aħjar.

Għal aktar assessjar ta' komponimenti idħol fil-*website* tad-dipartiment tal-kurrikulu: www.curriculum.gov.mt, mur fuq *Student Assessment* u mbagħad fuq *Learning to Assess*. Issib din it-taqsima ġdida fejn se tibda ssib komponimenti kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż.